## Kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 50/2014 tat-13 ta' Mejju 2014

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2014**

**Ħin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emanuel Debono u s-Sur George Sacco kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Dwar il-*bumping cars*, ma kienx hemm qbil li dawn jintramaw bħas-sena l-oħra, mill-kamra tad-drenaġġ il-barra lejn Marsalforn.

Dwar l-applikazzjoni ta' John Cefai għal kiri ta' *canoes*, iċ-Chairperson qalet infurmata li l-*canoes* huma bla magni u talbet biex il-Kumitat jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni li ħa fl-aħħar seduta. Iċ-Chairperson ressqet l-applikazzjoni ta' Cefai għal vot.

| | | |
|---|---|---|
| Favur | - | Iċ-Chairperson u s-Sur Refalo |
| Kontra | - | Ħadd |
| Astensjonijiet | - | Is-Sur Zammit. |

L-applikazzjoni ta' Cefai għaddiet.

Il-Kumitat approva:

- jinqala' l-*litter bin* ta' maġenb l-*encroachment* Tal-Kaptan Restaurant.
- jerġgħu jitwaħħlu l-*litterbins* li kienu tpoġġew fl-għassa tal-Pulizija.
- ħarġa fuq it-trejn għat-tfal u għall-ommijiet.
- tiswija ta' diversi bankini.
- tinqala' l-bankina miksura u minflok issir bankina tal-*porfido* fi Triq l-Isqof Pace, ġenb wieħed tat-triq – in-naħa ta' Maurice Gelateria.
- jitneħħa l-i*skip on wheels* ta' Triq Għar Qawqla.
- jitpoġġa l-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn.
- jitneħħa *loading/unloading bay* quddiem ħanut tas-suvenirs fi Triq il-Wied.
- parti minn Triq il-Qbajjar, mill-kantuniera ta' Triq Barda sal-pjazzetta ta' Triq il-Forn, issir *one-way* fid-direzzjoni lejn ir-Rabat.
- l-egħluq ta' Triq il-Wied, Triq il-Port u l-Menqa fix-xhur tas-sajf.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Marija Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |